MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 380/2009/2

**App. Civili Numru: 380/2009**

**Perit Raymond Vassallo, karta tal-identita` numru 107544 (M) u Mariella Vassallo, karta tal-identita` numru 2649 (M)**

**vs**

**Perit Edward Micallef, Anna Micallef, William Carbonaro, Gabriella Carbonaro, WCO Limited u TPT Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fit-18 ta' Gunju 2010 il-Qorti tal-Appell ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti,*

*Fid-29 ta' Marzu 2010, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-*

*"Il-Qorti:-*

*Rat ir-rikorsipprezentat mill-Perit Edward Micallef, Anna Micallef, William Carbonaro, WCO Limited u TPT Limited fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-sitta (6) ta' Ottubru 2009 fejn esponew bir-rispett:*

*Illi fid-dsatax (19) ta' Awwissu 2009, il-Perit Raymond Vassallo u Mariella Vassallo talbu u ottjenew il-hrug tal-mandat ta' sekwestru odjern kontra l-esponenti sabiex jikkawtelaw kreditu dedott fl-ammont ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) deskritt bhala "arretrati ta' kera dovuta lis-socjeta' Windsor Holdings Limited li taghha l-esponenti (Vassallo) ghandhom interess derivattiv";*

*Illi huwa stat ta' fatt inkonfutabbli illi sat-terminu perentorju preskritt mil-ligi sabiex titressaq kawza fuq il-mertu ta' dawn l-allegati 'arretrati ta' kera dovuti', ossija d-disgha (9) ta' Settembru 2009, ir-rikorrenti Vassallo ma ressqu l-ebda kawza fuq il-mertu b'dawk il-kawzali kif dedotti fil-mandat kawtelatorju u kwindi l-mandat ma kellux jibqa' fis-sehh;*

*Illi f'dan ir-rigward l-esponenti pprezentaw rikors ghall-hrug tal-opportun kontro-mandat fis-sbatax (17) ta' Settembru 2009 u sussegwentement l-istess rikorrenti Vassallo nfushom konvenjentement ipprezentaw talba ghall-hrug tal-opportun kontromandat fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru liema talba giet akkordata b'digriet ta' din il-Qorti tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru 2009;*

*Illi bis-sahha tal-mandat odjern inqabdu flus appartenenti lill-intimati li gew depozitati taht l-awtorita' ta' din il-Qorti mis-sekwestratarji in kwistjoni fosthom il-Bank of Valletta p.l.c. apparti d-danni ngenti li gew sofferti mill-individwi u l-entitajiet esponenti;*

*Illi ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 836 (8) din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkundanna lil min ikun talab il-*

*hrug ta' mandat bhal dak odjern u mbaghad ma jsegwix l-istess att kawtelatorju bil-kawza relattiva fuq il-mertu ghall-hlas ta' penali ta' mhux anqas minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) u mhux aktar minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12) lil kull wiehed mill-intimati illegalment milquta mill-mandat kawtelatorju in kwistjoni;*

*Illi dan il-mandat jinkwadra ruhu f'sensiela ta' atti gudizzjarji vessatorji fosthom mandati ohrajn ipprezentati mir-rikorrenti Vassallo sabiex ifixklu l-operat tas-socjetajiet intimati u jopprimu lill-esponenti u ghalhekk fil-kaz odjern, minghajr pregudizzju ghar-rimedji spettanti lir-rikorrenti fid-danni, jezistu c-cirkostanzi fejn din l-Onorabbli Qorti ghandha timponi tali sanzjoni fl-import massimu previst mil-ligi u tali sanzjoni tispetta kontra kull wiehed mir-rikorrenti ghal kull persuna li tkun giet indikata bhala sekwestrata individwalment;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti talbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkundanna lill-intimati Perit Raymond Vassallo u Mariella Vassallo sabiex kull wiehed minnhom ihallas il-penali prevista mil-ligi ai termini tal-Artikolu 836 (8) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-import ta' sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12) individwalment u dan lil kull wiehed mill-intimati (1) Edward Micallef, (2) Anna Micallef, (3) William Carbonaro, (4) WCO Limited u (5) TPT Limited in kwantu naqsu milli jiddeducu l-pretensjoni taghhom kawtelati bil-mandat ta' Sekwestru numru 2493/09 entro t-termini perentorji stabbiliti mil-ligi, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-istess Perit Raymond Vassallo u Mariella Vassallo.*

*Salv kull azzjoni ghal danni spettanti lill-esponenti.*

*Rat ir-risposta pprezentata mill-Perit Raymond Vassallo u martu Mariella Vassallo nhar it-tlettax (13) ta' Ottubru 2009 fejn esponew illi:*

*1. Huma gew notifikati nhar it-Tnejn 12 ta' Ottubru 2009 wara nofsinhar bl-udjenza ghal dalghodu waqt it-terminu*

*tar-risposta, b'anqas ghalhekk erbgha u ghoxrin (24) siegha ghar-risposta u biex jikkonsultaw. Huwa ghalhekk qeghdin iwiegbu fil-qosor u biex jissodisfaw il-vot tal-Ligi, ghaliex ma kellhomx opportunita' materjali li jippreparaw risposta bid-dettali rekwisiti; qeghdin pero' jirriservaw illi jwiegbu u jippreparaw risposta fid-dettall;*

*2. Illi l-pretensjoni giet dedotta quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili b'rikors a tenur tal-Artikolu 402 tal-Companies Act, minhabba allegazzjonijiet ta' abbuz u diskriminazzjoni fuq azzjonista minoritarju: li qed jinghad illi procedura fejn il-pretensjoni giet dedotta huma pendenti quddiem il-Qorti, anke jekk mhux din il-Qorti. Bhala fatt ghalhekk l-asserzjoni li ma saritx l-azzjoni fit-terminu hija kontradetta u l-intimati Perit Edward Micallef et naqsu mill-korrettezza u lealta' lejn il-Qorti li jissenjalaw dan il-fatt.*

*L-esponenti ghalhekk qatt ma agixxew in mala fede jew b'mod abuziv u wisq anqas b'mod frivolu jew vessatorju ghaliex hemm pendenti quddiem din il-Qorti bejn zewg Rikorsi 750/2009 JZM appuntat ghad-9 ta' Novembru 2009 u 842/2009 JZM appuntat ghat-12 ta' Novembru 2009; dwar dan jingiebu provi fl-istadju opportun.*

*L-esponenti ghalhekk jirriservaw illi jaghmlu risposta aktar dettaljata.*

*Rat ir-risposta ulterjuri tal-Perit Raymond Vassallo u ta' Mariella Vassallo pprezentata nhar is-sitta u ghoxrin ta' Ottubru 2009 fejn esponew:*

*1. Illi l-esponenti xtaqu jipprecizaw illi dejjem kien hemm kontinwita' ta' Mandati u Proceduri: id-diffikolta' kienet biss wahda ta' procedura. Huma ivvantaw pretensjoni li oggettivament ratione valoris kienet fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati meta fil-fatt kien hemm procedura a tenur tal-Art. 402 tal-Companies Act kontra l-intimati u ohrajn minhabba involvement. Jigifieri d-diffikolta' kienet kompetenza ghaliex il-pretensjoni principali tinsab kawtelata b'zewg Rikorsi li ghalihom ser issir riferenza fil-kors tas-smigh u b'diffikolta' inevitabbli; jew kompetenza tal-Magistrati ratione valoris meta t-talba principali kienet*

*quddiem il-Prim' Awla, jew Mandat quddiem il-Prim' Awla li ma tidholx fil-kompetenza tal-Prim' Awla meta l-mertu principali dejjem kien wiehed quddiem il-Prim' Awla. Ghandu jinghad illi l-mertu oggettivament kompetenza ratione materiae kien biss wiehed minn aspetti ta' kwistjoni aktar profonda li sfortunatament ghandha diversi ramifikazzjonijiet u mplikazzjonijiet bejn il-partijiet;*

*2. Illi minn dan isegwi illi kien hemm dejjem pretensjoni pendenti quddiem il-Qorti fil-mertu li tinvolvi l-kwistjoni u li l-estremi kontemplati li persuna kapriccjosament titlaq mandat minghajr ma tipprospetta procedura certament ma rrizultatx, anqas ma rrizulta illi kien hemm xi danni jew vessazzjonijiet involuti;*

*3. Illi ghandu jkun hemm distinzjoni bejn il-hrug ta' Mandat kawtelatorju u dak ir-rimedju kontemplat u prospettat fl-Artikolu li ghalihom hemm riferenza fir-Rikors odjern. Ghaliex jekk jirrizulta li ma kien hemm ebda bazi ghall-hrug, anqas remota, ghall-hrug ta' Mandati, jezisti potenzjalment ir-rimedju tad-danni, filwaqt illi r-rimedju kontemplat fl-Artikolu 838: l-intimati mill-ewwel kif ser jirrizulta kienu pprezentaw il-pendenzi fit-terminu u kontinwita' ta' azzjoni kien hemm dejjem, ghaliex il-mertu kien involut fi proceduri ohrajn; b'ebda mod ma gie demostrat illi t-talba tar-rikorrenti hija malizzjuza, kapriccjuza jew frivola; anke jekk fil-mertu ma tirnexxix ipotetikament fil-proceduri l-ohrajn, hija sitwazzjoni differenti minn dik kontemplata fl-artikolu; se mai, irrigi r-regime potenzjali ta' danni f'kuntest ta' kawza ghal danni;*

*4. Illi l-esponenti qabdu triq procedurali fejn indikaw pretensjoni u lanjanza u pprezentement quddiem il-Qorti ghalhekk dejjem iddeducew fit-terminu;*

*5. Illi l-esponenti jissottomettu ulterjorment illi t-talba ghal kundanna ta' penali ma ghandhiex u ma tistax issir kollettivament mir-rikorrenti odjerni kollha, ghaliex jekk iridu l-penali, ghandha ssir azzjoni u talba ad hoc separata u ma jistghux dawn permezz ta' Rikors wiehed iressqu talbiet separati u b'interessi separati.*

*6. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

*Rat illi fis-seduta ta' nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru, 2009, xehed* ***il-Perit Raymond Vassallo*** *(a fol. 15) fejn qal li qabel jew wara l-mandat ta' sekwestru 2493/09 huwa kien ipprezenta wkoll kawza kontra l-istess intimati. Din il-kawza kienet tirrigwarda kera u affarijiet ohrajn.*

*Gie muri d-dokument 842/09 u kkonferma li din hija kawza li huwa ghamel kontra l-intimati. Spjega li fil-paragrafu xviii f'pagna 7 ta' dan id-dokument, huwa qed jallega li l-intimat Edward Micallef kien jikri spazju formanti parti minn 44, Regency House ghas-somma ta' tlieta u ghoxrin elf ewro (€23,000), u li m'hemm ebda sinjal li effettivament dawn thallsu. Qal li qabel infethet din il-kawza, l-avukat tieghu kien kiteb lill-intimat biex jitolbu prova li dan il-hlas kien effettivament sar, izda dan qatt ma wiegbu. Qal ukoll li f'din il-kawza huwa kien ghamel sitt talbiet, fosthom in-numru tlieta fejn hu qal li sofra telf patrimonjali bhala danni. Kopja ta' dan ir-rikors tinsab esebita bhala Dokument Z.*

*Spjega wkoll li l-kera in kwistjoni ghandha tithallas mill-Perit Micallef versu s-socjeta' Windsor Holdings, u li huwa kien dehrlu li kellu jiehu passi personali kontra l-Perit Micallef peress li s-socjeta' ma haditx passi hija stess. Ikkonferma li ghalkemm il-kawza saret kontra l-intimati kollha, il-kera kienet dovuta biss mill-Perit Edwin Micallef.*

*Imbaghad rega' xehed fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar 2010 (a fol. 43) u esebixxa kopja awtentikata tar-rikors promotur li giet immarkata bhala Dokument Z, b'kopja lill-kontro-parti seduta stante. Ikkonferma li hemm proceduri pendenti fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili quddiem l-Imhallef Joseph Zammit McKeon, cioe' r-rikors numru 842/09. B'referenza ghal-lanjanza xviii f'pagna 7 ta' Dok. Z, qal li l-avukat tieghu ghamel mandat a bazi ta' dik il-lanjanza.*

*Kompla jispjega li f'din il-kawza huwa qed jallega li l-Perit Micallef ghandu jhallas kera lis-socjeta' Windsor Holdings*

*Limited fl-ammont ta' circa ghoxrin elf ewro (€20,000). Qal li ghalkemm kemm hu stess, kif ukoll l-avukati tieghu talbuh biex ihallas dan l-ammont, il-Perit Micallef xorta wahda baqa' inadempjenti. Pero' zied li jista' jkun li l-Perit Edward Micallef kien hallas xi flus lill-Perit William Carbonaro jew lis-socjeta' WCO Limited jew lil Parlato u dawn m'ghaddewhomlux.*

*Kompla li qabel il-mandat in kwistjoni, huwa kien ghamel mandat iehor u li dan kien gie appuntat quddiem il-Magistrat Giovanni Grixti. Sussegwentement kien ceda l-atti ta' dak il-mandat u ssostitwieh b'rikors iehor. Mistoqsi ghaliex deherlu li kellu jirtira dan il-mandat, huwa wiegeb li kienet saret xi eccezzjoni teknika ghal dan il-mandat, u l-avukat tieghu kien tah parir li kien ikun ahjar li dak il-mandat jigi rtirat u sostitwit. Ikkonferma li huwa kien irtira l-mandat 2493/09.*

*Rat li fid-disgha (9) ta' Frar 2010 giet prezentata nota ta' sottomissjonijiet mill-**Perit Raymond Vassallo u Mariella Vassallo** fejn esponew issegwenti:*

*1. Illi l-premessa tar-Rikors promotur fejn intalbu penali huwa illi l-att kawtelatorju ma giex segwit b'kawza fil-mertu, l-iskop ta' din in-nota huwa illi juri illi fil-fatt, il-hrug tal-mandat kawtelatorju gie segwit fit-terminu, b'kawza kif rikjest: il-kawza li ghadha pendenti u qed tinstema' mill-Onor. Imhallef Joseph Zammit McKeon u qieghda ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet preliminari ghat-30 ta' Marzu 2010;*

*2. Illi l-esponenti jirreferi ghad-dokumenti esebiti u kif diga' accennat fit-trattazzjoni, il-pretensjoni fil-mertu giet dedotta permezz ta' Rikors a tenur tal-Art. 402 tal-Companies Act: fost il-pretensjonijiet hemm fil-paragrafu 5 (xviii) pretensjoni illi l-intimat Micallef dovut li jhallas ammont ta' circa 'l fuq minn tlieta u ghoxrin elf ewro (€23,000), il-pretensjoni ta' allegat abbuz u pretensjoni kontra l-intimati Carbonaro u WCO Limited hija spjegata fl-artikolu 5 (xii) tar-Rikors imsemmi; l-involviment tal-intimat Parlato Trigona huwa spjegat matul ir-Rikors kollu,*

*kif ukoll huwa spjegat l-involviment ta' TPT Limited fil-kuntest ta' kera partikolarment fl-artikolu 5 (xvi);*

*3. Illi kif inhu saput, att gudizzjarju fejn qed tintalab kundanna huwa maghmul mill-premessi definiti mit-talbiet. Fic-cirkostanzi, hemm talba ta' kundanna ta' hlas ta' danni. L-esponenti jistaqsu x'differenza kienet tkun li kieku kien hemm talba ghal kundanna hlas ta' diversi persuni involuti f'incident ta' danni. Hemm talba pendenti quddiem il-Qorti ghal kundanna hlas bejn id-diversi intimati fejn huwa car illi l-pretensjoni giet dedotta. Jinghad ukoll illi l-konjugi gew inkluzi in kwantu partecipi fil-komunjoni tal-akkwisti u wkoll citati fil-proceduri.*

*4. Illi li jrid jispjega l-esponenti huwa illi procedura giet dedotta fil-mertu. Giet esebita kopja legali tal-procedura u ma kien hemm ebda kontestazzjoni illi din mhijiex ghadha pendenti jew gietx istitwita. Giet ukoll istitwita fit-terminu previst mil-Ligi.*

*5. Illi huwa materjali wkoll illi tissemma', illi dan il-punt diga' gie meqjus mill-Qrati. L-esponenti esebixxa kopja ta' talba ghall-hrug ta' kontro mandat sostanzjalment fuq l-istess binarju u l-Prim' Awla tal-Qorti Civili ukoll accettat ir-risposta tieghu u hija esebita kopja legali tad-digriet biex tillustra dan il-punt.*

*Rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-intimati* ***konjugi Micallef, konjugi Carbonaro, WCO Limited u TPT Limited****,ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar 2010 fejn esponew bir-rispett:*

*1. Illi l-kawza odjerna hija kawza mressqa quddiem din l-Onorabbli Qorti bhala l-Qorti li akkordat il-mandat ta' sekwestru numru 2493/09, ai termini tal-Artikolu 836 (8) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Artikolu tal-Ligi jaqra hekk:-*

*"(8) Il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux anqas minn hames mitt lira (€1164.68) u mhux izjed minn*

*tlett elef lira (€6988.12) li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, f'kull kaz minn dawn li gejjin:*

*jekk ir-rikorrent ma jaghmilx il-kawza* ***dwar it-talba*** *fiz-zmien stabbilit bil-ligi;" (enfasi mizjuda)*

*2. Illi s-subartikolu segwenti, ossija l-Artikolu 836 (9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jistabbilixxi wkoll id-dritt li persuna li kontriha jkun ingustament inhareg mandat kawtelatorju tfittex ghad-danni, haga li r-rikorrenti odjerni MHUX qed jaghmlu u qed jillimitaw il-pretensjonijiet taghhom ghall-impozizzjoni tassattiva tal-penali stabbiliti fil-ligi fl-import ta' bejn €1164.68 u €6988.12;*

*3. Illi minkejja l-konfuzjoni li bir-rispett qed jipprova jaghmel l-intimat Perit Raymond Vassallo bejn id-diversi atti, rikorsi u kawzi pendenti bejn il-partijiet, il-fatti li fuqhom huwa bbazat ir-rikors odjern huma semplici immens u ma jhallu lok ghall-ebda interpretazzjoni:*

*a. L-intimati Vassallo talbu u ottjenew il-hrug tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 2493/09 kontra sitt (6) intimati, l-esponenti odjerni, li permezz tieghu riedu jikkawtelaw is-segwenti kawzali: "arretrati ta' kera dovuta lis-socjeta' Windsor Holdings Limited li taghha ghandhom interess derivat u qed tigi ezercitata azzjoni derivattiva" liema kawzali giet dedotta fl-import ta' ghoxrin elf ewro (€20,000);*

*b. Dan il-mandat gie mitlub u akkordat fl-ghoxrin (20) ta' Awwissu 2009;*

*c. Entru t-terminu tassattiv li minn din id-data kellha tigi pprezentata kawza fuq dik il-kawzali kawtelata mill-mandat, ossija "arretrati ta' kera dovuti" tressqu zewg kawzi quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ossija l-kawzi numru 750/09 u 842/09 liema kawzi kif tista' tikkonstata din il-Qorti fl-ebda hin fit-talbiet ma jitolbu "arretrati ta' kera dovuti" u li fi kwalunkwe kaz lanqas ma huma "azzjoni derivattiva" izda kif ex admissis dikjarat fl-ewwel premessa ta' kull kawza huma kawzi ghal pregudizzju*

*mhux gust ai termini tal-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji u **MHUX** azzjoni derivattiva;*

*d. Kien hemm pretensjonijiet ohrajn tal-intimati Vassallo kontra l-esponenti kkawtelati b'mandati separati fosthom il-mandat ta' sekwestru numru 1384/09 mahrug mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-import ta' mitt elf ewro (€100,000) fid-dsatax (19) ta' Awwissu 2009 ossija lejliet il-hrug tal-mandat odjern;*

*4. Illi kwindi l-uniku konkluzjoni li tista' tasal ghaliha din il-Qorti hija naturalment li la l-Perit Raymond Vassallo u lanqas Mariella Vassallo ma ressqu "kawza dwar it-talba" entro t-terminu prefiss mil-Ligi u kwindi esponew ruhhom ghall-penali kif ukoll ghad-danni eventwali fil-konfront ta' kull wiehed mill-intimati odjerni;*

*5. Illi l-esponenti odjerni diga' kienu ressqu quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ppreseduta mill-Magistrat Dottor Giovanni Grixti fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 2493/09 rikors ghal hrug tal-kontromandat una volta skada ghal xejn it-terminu tal-prezentata tal-kawza fuq il-mertu liema rikors gie milqugh permezz tad-digriet tat-tmienja (8) ta' Ottubru 2009;*

*6. Illi naturalment ghaliex indunaw li ma kienux ipprezentaw kawza u **wara** r-rikors imsemmi quddiem il-Magistrat Grixti, l-istess konjugi Vassallo pprezentaw huma stess kontromandat (numru 2855/09) li permezz tieghu rtiraw il-mandat in kwistjoni. Dan fih innifsu ma jhalli l-ebda dubju li anke l-istess rikorrenti ndunaw li ma kienux iddeducew il-pretensjonijiet taghhom skont il-Ligi u ppruvaw jillimitaw l-esposizzjoni taghhom ghad-danni u l-penali billi jintavolaw fi stadju daqstant tardiv kontromandat;*

*7. Illi fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-intimati Vassallo, huma jippruvaw b'xi mod jirrelataw il-kawzi pprezentati minnhom quddiem il-Prim'Awla bin-numru 750/09 u 842/09 ma' dan il-mandat in kwistjoni billi jghidu li dawk l-atti jridu jinqraw fl-assjem taghhom ossija fil-premessi kif ukoll fit-talbiet u jirreferu ghal premessa wahda li*

*tikkontjeni allegazzjoni li l-Perit Edward Micallef allegatament ma hallasx xi arretrati ta' kera biex minghalihom jippruvaw lil din il-Qorti li effettivament huma ddeducew f'kawza l-kawzali protetta f'dan il-mandat. Apparti l-fatt, semplicement ghall-argument u dato ma non concesso, li fi kwalunkwe kaz dan ifisser li ex admissis dik il-pretensjoni giet dedotta biss fil-konfront ta' Edward Micallef u li kwindi huma stess qed jghidu li ma gie dedott proprju xejn dwar arretrati tal-kera fil-konfront ta' William Carbonaro, Gabriella Carbonaro, WCO Limited u TPT Limited, it-test mhumiex il-premessi izda t-talbiet. L-ebda talba kemm fil-kawza numru 750/09 kif ukoll 842/09 ma tirrelata ghal kera u kwindi billi ma ddeducewx il-kawzali tal-mandat kawtelatorju f'kawza entro t-terminu preskritt mil-ligi, il-konjugi Vassallo esponew ruhhom ghall-penali individwalment u fil-konfront ta' kull wiehed u wahda mill-intimati. Dan sehh evidentement ghaliex il-kawzi 750/09 u 842/09 imsemmija huma kkawtelati mill-mandat ta' sekwestru numru 1384/09 fl-import ta' mitt elf ewro (€100,000) u l-mandat odjern sar semplicement sabiex jivvessa u jopprimi lill-intimati kollha;*

*8. Fic-cirkostanzi ghalhekk kif ukoll fil-kwadru shih tal-kawzi frivoli u vessatorji li l-konjugi Vassallo ressqu fil-konfront tal-intimati, kif ukoll tal-fatt illi ppruvaw anke fil-proceduri odjerni jiggustifikaw dak li huwa tant palezi u evidenti ossija li mill-atti infushom – mas-semplici qari taghhom – il-kawzali kawtelata ma tirrizultax dedotta fl-ebda kawza, l-esponenti jitolbu l-imposizzjoni tal-penali massimi minn kull wiehed fost il-Perit Raymond Vassallo u Mariella Vassallo fil-konfront ta' kull wiehed u wahda mis-sitt intimati Perit Edward Micallef, Anna Micallef, William Carbonaro, Gabriella Carbonaro, WCO Limited (C 41411) u TPT Limited (C 41408).*

*Ikkunsidrat:*

*Illi f'dan ir-rikors ir-rikorrenti Perit Edward Miallef, Anna Micallef, William Carbonaro, Gabriella Carbonaro, WCO Limited u TPT Limited, qed jitolbu lill-Qorti tikkundanna lill-intimati Perit Raymond Vassallo u Mariella Vassallo jhallsu penali ai termini tal-artikolu 836 (8) lir-rikorrenti,*

*ghaliex huma ma segwewx l-istess att kawtelatorju bil-kawza relattiva fuq l-istess mertu imsemmi fil-mandat. L-intimati min-naha l-ohra jsostnu li l-pretensjonijiet taghhom gew dedotti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili b'Rikors a tenur ta' l-artikolu 402 tal-Companies Act. Illi ghalhekk ikun utili f'dan l-istadju li din il-Qorti tezamina l-principji legali li jeminaw mill-Artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili.*

***PRINCIPJI LEGALI.***

*Illi b'effett tal-**Att XXIV tal-1995, l-Artikolu 836 (9**) li jirreferi **ghas-subartikolu (8)** indika l-kazi ad hoc fejn persuna tista' taghmel citazzjoni kontra l-persuna li fuq talba taghha jkun inhareg il-mandat kawtelatorju, sabiex ihallas dawk id-danni lil dik il-persuna, li hija setghet garrbet bil-hrug tal-mandat u l-kazijiet indikati huma ai termini tas-**subartikolu (8) u (9)** is-segwenti:-*

*"(a) jekk ir-rikorrent ma jaghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stipulat mill-ligi;*

*(b) jekk, fuq it-talba tal-konvenut ghat-tnehhija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew fi zmien hmistax-il jum qabel ma sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurita' bizzejjed. Izda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raguni ta'*
*urgenza ghall-hrug tal-mandat;*

*(c) jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita' tieghu u dwar il-kapacita' finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew;*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola, jew vessatorja".*

*Illi fis-sentenza* ***"SN Properties Limited vs George Camilleri"*** *(Prim' Awla (RCP) 6 ta' Gunju 2000) din il-Qorti sostniet li "minn ezami tal-istess ragunijiet jidher car, li apparti xi ragunijiet specifici li gew introdotti per se fl-istess artikoli, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa ntiz, sabiex bhal ma stabbilit fil-gurisprudenza kostanti ezistenti qabel il-promulgazzjoni tal-istess emendi, ma jkunx hemm abbuz minn tali hrug ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f'kazijiet ta' mala fede, vessatorjeta' u negligenza grossolana".*

*"Illi fl-opinjoni ta' dik il-Qorti tali kazijiet m'eliminawx per principju l-azzjoni generali ghad-danni fuq Qrati tal-Gustizzja riferita fis-sentenzi citati ai termini tal**-artikolu 1031 tal-Kap 16**, dejjem fil-kuntest u b'konsegwenza ta' dritt ta' azzjoni, pero' in verita' u fil-prattika tali azzjoni, diretta ghall-hrug ta' mandati kawtelatorji, giet illum kristalizzata bl-istess **artikolu 836 (9**). Dan ghaliex l-istess artikolu introdott bil-ligi tal-1995, ikkodifika u applika l-principji elenkati fil-gurisprudenza ta' qabel in materia, dwar l-ezercitazzjoni ta' azzjoni ta' danni wara l-hrug ta' mandat kawtelatorju, u minn ezami tal-istess ragunijiet hekk elenkati, huwa difficli li wiehed jahseb li hemm ragunijiet barra dawk elenkati fl-istess **artikolu 836**, fejn l-azzjoni in generali tista' tirnexxi".*

*Illi l-posizzjoni dwar kawza ta' danni b'konsegwenza diretta ta' intavolar da parte tal-intimati ta' rikors ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju (f'dak il-kaz mandat ta' sekwestru) gie trattat fil-kawza fl-ismijiet* ***"Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri"*** *(Prim' Awla (J.S.P.) 10 ta' Jannar 1992) fejn gew rijaffermati s-segwenti principji:-*

*(a) Illi huwa principju fondamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju jkun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbati haddiehor, in omagg ghall-massima "qui suo iure utitur,non videtur damnum facere", bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin ma ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel.*

*(b) Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti ma ghandux jigi abbuzat.*

*(c) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. "Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca" **("Demajo vs Page"** - Vol. XV. Pg. 34. P.A. 24. 1. 1895**)** Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghall-diversi interprettazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom.*

*(d) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' **("Emanuele Calleja vs Carmelo Grima"** - A.C. -XXXIX. I. 24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament*
*kolpusa ("**Agius vs Dott.Carbone nomine"** - XIII. 434 - 10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "priva di fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a leggittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite". **("Mugliette vs Bezzina"** - XXVI. I. 405).*

*(e) Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:-"Il diritto cessa dove comincia l'abbuzo … … riteniamo che basta, per prottegere tutti l-interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano I bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti I diritti hanno dei limiti".*

*Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi "chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare*

*un' indemnita' al suo avversario…..". (**Baudry - Lacantinerie. – Trattato Prattico di Diritto Civi**le -Delle Obligazioni- Vol. VI. Pg. 560).*

*Illi dan ifisser illi dak li l-Qorti trid tara f'dan l-istadju tal-rikors huwa jekk il-konvenut kellux prima facie bazi guridika li fuqha seta' jagixxi sabiex johrog mandat kawtelatorju, u dan fid-dawl tal-principju li d-dritt per se ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandu bl-ebda mod jigi pregudikat, u wisq inqas id-dritt ta' persuna li tipproteggi l-interess taghha sakemm id-dritt sostantiv jigi finalment determinat mill-istess Qorti. Illi minn dan isegwi li anke jekk jigi determinat fil-pozittiv li r-rikorrenti kellu dritt jagixxi sabiex jissalvagwardja il-pretensjonijiet tieghu, kif intqal fid-decizjoni **"Visa Investments Limited vs Blye Engineering Co. Ltd"** (Prim' Awla (RCP) 7 ta' Frar 2001) "Illi ovvjament dan ma jfissirx li tali azzjoni tas-socjeta' intimata ser tirnexxi, ghaliex id-determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma' l-mertu tal-kawza u fl-ambitu tal-kawza proprja dwar il-mertu". Tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet "**Cammast Ltd vs Joseph E Gauci et**" – Prim' Awla (RCP) 31 ta' Mejju 2000.*

***APPLIKAZZJONI TAL-PRINCIPJI GHALL-KAZ ODJERN.***

*Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz de quo jirrizulta inkontestat li l-istess intimati hargu l-Mandat ta' Sekwestru 2493/09 a bazi ta' kawtela t'arretrati ta' kera dovuta lis-socjeta' Windsor Holdings Limited, li taghha l-intimati ghandhom interess derivat, u qed tigi esercitata azzjoni derivattiva, u dan ghall-ammont ta' ghoxrin elf euro (€20,000).*

*Illi l-intimat Perit Raymond Vassallo xehed nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar 2010 u kkonferma li r-rikorrenti Perit Micallef ghandu jaghti l-kera lis-socjeta' Windsor Holdings Limited fl-ammont indikat fil-mandat ta' sekwestru fuq citat. Ikkonferma li kemm hu kif ukoll l-avukat tieghu, kienu nterpellawh sabiex ihallas, izda dan baqa' nadempjenti. In segwitu qal li r-rikorrenti l-ohra*

*setghu ghaddew xi flejjes lir-rikorrenti Micallef u dan zammhom ghalih, u kien ghalhekk li huwa pprezenta l-Mandat fil-konfront taghhom ukoll. L-intimati sostnew ukoll illi dan il-mandat sar in segwitu ta' procedura li huma kienu ghamlu ai termini tal-Artikolu 402 tal-Companies Act, prezentata fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu 2009, ghaxart ijiem wara li gie presentat il-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi.*

*Illi jidher li ma saret ebda kawza konsegwenti ghall-mandat fit-terminu previst fl-**artikolu 849 (a) tal-Kap 12** u cjoe' "fi zmien erbat ijiem tax-xoghol minn meta jigi notifikat lilu, jew lill-avukat jew prokuratur legali li l-firma tieghu tkun tidher fuq ir-rikors, l-avviz tal-esekuzzjoni tal-mandat jew fi zmien ghaxart ijiem tax-xoghol wara l-hrug tal-mandat, skont liema tkun l-ewwel data, u fin-nuqqas ta' dan, l-effetti tal-mandat jispiccaw".*

*Illi minn ezami ta' dan ir-rikors li jinsab esebit fl-atti, jidher li l-premessi u t-talbiet tieghu huma varji minn dawk imsemmija fil-mandat ta' sekwestru opportun u ghalhekk zgur li ma sarx sabiex izomm in vigour l-effett tal-mandat ta' sekwestru.*

*Illi r-rikorrenti odjerni, (l-intimati u s-sekwestrati fl-istess mandat ta' sekwestru kawtelatorju msemmi fic-citazzjoni attrici), qed jitolbu li l-intimati jigu kkundannati sabiex ihallsu l-penali u d-danni lilhom ikkwazati bil-konsegwenza tal-hrug tal-istess mandat, stante li huma qed jallegaw li tali mandat ma giex segwit b'citazzjoni ad hoc u ghaliex l-istess mandat inhareg kontra taghhom b'mod doluz, illegali u vessatorju stante li lanqas l-intimati stess ma huma certi jekk r-rikorrenti, salv ghal Perit Micallef, ghandhomx jaghtuh xi flus.*

*Jinghad li qabel mal-intimati pprezentaw dan il-mandat ta' sekwestru fuq indikat, kienu diga' pprezentaw mandat iehor simili quddiem din il-Qorti diversament preseduta, li jgib in-numru 2740/09, izda l-istess intimati kienu rtirawh sabiex jirregolaw ruhhom ahjar, u ppresentaw dan ir-rikors odjern fuq l-istess premessa.*

*Illi dan il-mandat ta' sekwestru ghadu in vigore u hu appuntu ghalhekk li sar dan ir-rikors sabiex din il-Qorti tikkundanna lill-intimati jhallsu l-penali peress illi fil-fehma taghhom dan l-att huwa frivolu u vessatorju.*

*Illi ghalkemm din il-procedura mhijiex wahda li ghandha tigi inkoraggita, u cioe' li mandat jigi prezentat flok iehor taht l-istess pretest, anzi ghandha u qed tigi censurata, b'daqshekk ma jfissirx li m'ghandhiex tigi applikata l-penali stabbilita ai termini tal-**artikolu 836 (9) tal-Kap 12,** u dan qed jinghad ghaliex l-imposizzjoni tal-istess penali mhijiex awtomatika izda tiddependi mid-diskrezzjoni tal-Qorti, ovvjament tenut kont tal-fattispecie tal-kaz in ezami.*

*Illi in effetti din il-Qorti thoss li ghandha tapplika din il-penali hemm stipulata fil-ligi. Ghalkemm jidher li f'dan il-kaz ma jidhirx li kien hemm konsegwenzi gravi ghall-istess hrug ta' mandat oggett tal-kawza odjerna, tant li r-rikorrenti baqa' ma gabu l-ebda prova dwar l-allegati danni minnhom sofferti, xorta thoss li min johrog mandat ta' sekwestru, ghandu johorgu meta jkun cert li ghandu d-dritt, u li dan johrog skont il-ligi vigenti u mhux b'mod kappriccuz.*

*Illi in vista ta' dan kollhu jidher li l-iskop tal-intimati li johorgu l-mandat kien wiehed vessatorju animat mill-herqa li jissalvagwardjaw l-interessi taghhom .*

*Illi din id-diskrezzjoni tal-Qorti dwar l-imposizzjoni tal-penali tirizulta mill-istess **subartikolu (8) tal-artikolu 836** fejn il-Ligi testwalment tghid li "il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun hareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali…."*

*Illi huwa ovvju li l-kelma "tista' " taghti lill-Qorti l-fakolta' jew li timponi l-hlas ta' tali penali jew le, u tali diskrezzjoni tal-gudikant tapplika wkoll fil-kaz tal-ammont ta' penali li ghandha tigi mposta fuq il-konvenut.*

*F'dan il-kaz din il-Qorti thoss li ghandha tigi applikata l-istess penali fil-konfront ta' kull rikorrenti u dan ghandu jittiehed bhala deterrent sabiex jiskoraggixxi lill-intimati li*

*johorgu tali mandat kawtelatorji minghajr ma jiehdu responsabbilita' tal-atti minnhom prezentati, ghaliex facilment jista' jkun li f'xenarju iehor il-konsegwenzi tal-atti tal-intimati jkunu bil-wisq izjed serji specjalment meta jigu kkawzati danni serji lir-rikorrenti.*

*Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba rikorrenti u tikkundanna lill-intimati jhallsu in solidum bejniethom is-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) lil kull wiehed mir-rikorrenti u dan bhala penali likwidati ai termini tal-Artikolu 836 (8) tal-Kap 12.*

*L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-intimati.*"

*Bl-appell taghhom minn din is-sentenza l-konjugi Vassallo jilmentaw illi l-ewwel Qorti:-*

*i. malament interpretat kemm it-terminu applikabbli ghall-proposizzjoni ta' kawza wara l-hrug ta' Mandat kawtelatorju, u aktar u aktar illi ma saretx procedura fit-terminu;*

*ii. malament sabet illi l-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kien frivolu u vessatorju;*

*Fil-kaz tal-punt (i) l-appellanti jissottomettu illi l-ewwel Qorti zbaljat meta rriproduciet it-test l-antik abrogat tal-Artikolu 849 (a) tal-Kapitolu 12 ghaliex skont il-vot vigenti tal-ligi l-proposizzjoni tal-kawza huwa ta' ghoxrin jum (Artikolu 843) u mhux zmien erbat ijiem jew ghaxart ijiem tax-xoghol, skond il-kaz. Barra minn hekk, jissottomettu wkoll illi l-ewwel Qorti injorat jew skartat il-fatt illi huma mexxew permezz ta' azzjoni quddiem il-Prim' Awla (Nru. 842/09 JZM) u li f'din l-istess azzjoni l-partijiet kienu l-istess ghal dawk tal-Mandat Nru. 2493/2009 u, ukoll, li l-pretensjoni dedotta fl-istess Mandat sabet postha f'dik l-azzjoni. Konsegwentement, jissoktaw jissottomettu illi la l-azzjoni saret fiz-zmien utli stabbilit mil-ligi ma setax jigi dedott b'kumment illi t-talba taghhom skont il-Mandat kienet frivola u vessatorja (punt ii);*

*Ic-cirkustanzi fattwali li jinzlu mill-atti processwali, avolja neqsin mill-kjarezza dovuta, jidhru li kienu dawn:-*

*1. Fid-19 ta' Awissu 2009 l-appellanti talbu u ottenew mill-Qorti tal-Magistrati l-ispedizzjoni ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Nru. 2493/09 fl-ammont ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) ghall-"arretrati ta' kera dovut lis-socjeta` Windsor Holidays Ltd li taghha l-esponenti ghandhom interess derivat u qed tigi ezercitata azzjoni derivattiva". Dan il-Mandat prezentat fid-19 ta' Awwissu 2009 gie mill-Qorti tal-Magistrati akkordat fl-20 ta' Awwissu 2009 (ara dokument a fol. 3);*

*2. Jidher illi fl-istess jum tad-19 ta' Awwissu 2009 l-appellanti ottjenew il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Nru. 1384/09 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-import tas-somma ta' mitt elef ewro (€100,000). Ara Nota ta' sottomissjonijiet tal-appellati quddiem l-ewwel Qorti u l-indikaturi li jinzlu mic-Cedoli ta' Depozitu tal-Bank of Valletta a fol. 33 u fol. 40. Jirrizulta illi fil-konfront ta' dan il-Mandat l-appellati talbu l-hrug ta' Kontro-Mandat (Nru 1535/09) fl-10 u fil-11 ta' Settembru 2009 (fol. 52 u fol. 46) izda din it-talba giet michuda mill-Prim' Awla b'digriet tal-24 ta' Settembru 2009 (fol. 47);*

*3. L-appellati talbu wkoll, din id-darba lill-Qorti tal-Magistrati, ghal hrug ta' Kontro-Mandat, (Nru. 2740/09) datat 11 ta' Settembru 2009 (fol. 23) ghal motiv illi l-appellanti ma ddeducewx il-kawza ai termini tal-Artikoli 843 u 849 tal-Kapitolu 12 u ghaliex wkoll s-sorte b'dak il-Mandat ta' Sekwestru (2493/09) pretiz kien jeccedi l-kompetenza tal-Qorti adita. Il-Qorti tal-Magistrati laqghet din it-talba b'digriet tat-8 ta' Ottubru 2009 (fol. 28). Jirrizulta wkoll illi fil-pendenza tal-istharrig ta' din it-talba mill-ewwel Qorti, l-appellanti pprezentaw Kontro-Mandat (Nru. 2855/09) fit-23 ta' Settembru 2009 u ghaddew biex fl-istess jum intavolaw Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ghall-istess ammont quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Ara para. 10 tar-rikors tal-appell);*

*4. Dan il-Mandat gdid quddiem il-Prim' Awla hu x'aktarx dak Numru 1587/09 ghal liema jirreferu c-Cedoli ta'*

*Depozitu tal-Bank of Valletta esebiti a fol. 35 u fol. 37 tal-process;*

*5. Jirrizulta illi quddiem il-Prim' Awla hemm pendenti zewg kawzi Numri 750/09 u 942/09 introdotti mill-appellata, b'din tal-ahhar ipprezentata fil-31 ta' Awwissu 2009 (ara kopja taghha a fol. 58). Fiha jinghad inter alia illi fost id-danni reklamati hemm "l-ammont ta' cirka ghoxrin elf ewro (€20,000) dovuti lil Windsor Holdings Limited mill-intimati Micallef li b'kolluzjoni mal-intimati l-ohra, baqghu ma ngabrux" [para. 4 (iv)]. Jissemma wkoll f'para. 5 (xviii) li hi dovuta mill-intimat Edward Micallef in linea ta' kera s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf ewro (€23,000) lil Windsor Holdings Limited. Ta' min jirrileva illi l-azzjoni hekk istitwita saret a norma ta' l-Artikolu 402 tal-Companies Act;*

*Premessi dawn il-fatti, huwa forsi utli li jigu qabel xejn registrati dawn il-principji ta' dritt:-*

*(1) Fl-ewwel lok jinzel sew mill-Artikolu 843 (2) u l-Artikolu 836 (9) tal-Kapitolu 12 illi min jottjeni mandat favur tieghu jista' jkun soggett ghad-danni u interessi jekk bla raguni valida ma jgibx 'il quddiem l-azzjoni fit-terminu statutorju ta' ghoxrin (20) jum mill-hrug tal-Mandat kawtelatorju. Fit-tieni lok, jista' wkoll ikun passibbli ghall-hlas ta' penali [Artikolu 836 (8)] ukoll fil-kaz tal-istess ipotesi appena accennata [subpara. (a)];*

*(2) Dan huwa hekk in kwantu l-mandati kawtelatorji johorgu fuq ir-responsabbilta` ta' min jitlob il-hrug taghhom u jkun rikonoxxut li l-otteniment hu wiehed ingust (ara "**Angelo Mifsud vs Frank Delia et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 26 ta' Gunju, 1962) u, ukoll ghaliex, in generali, il-mandati kawtelatorji appuntu ghax isiru fi zmien meta l-kreditu jew pretensjoni ghad ma jkunux gudizzjarjament accertati u stabbiliti, huma odjuzi u allura d-disposizzjonijiet tal-ligi dwarhom ghandhom jircievu interpretazzjoni rigoruza. Ara "**Avv. Carmelo Scicluna nomine vs Joseph Fenech nomine**", Appell Kummercjali, 8 ta' Marzu, 1968;*

*(3) Gja minn zmien antik kien ritenut illi "l'intenzione del legislatore è di considerare i mandat cautelatori con occhio poco benevolo, di autorizzarne la spedizione soltanto quando sono assolutamente necessari, e di mantenerli in vigore soltanto pel tempo in cui durasse la loro necessita`." ("**Emilia moglie del Maggiore Letham Charles Miller Blacker proprio et nomine vs Maria Costantina Howard**", Appell Civili, 7 ta' Lulju 1920;*

*(4) Jikkonsegwi illi jekk l-appellanti ma jiddeducux l-azzjoni (jew fejn l-appellat kien bniedem notorjament solventi) tali jikkostitwixxi raguni indipendenti u separata ghas-soggezzjoni ghal kundanna ghad-danni penali. Ara "**Joseph Xerri vs Walter Bonello nomine'**, Appell Kummercjali, 16 ta' Dicembru 1968. "Dan ghaliex il-kreditur*
*kien obbligat fit-terminu statutorju wara li jipprezenta mandat kawtelatorju illi jiddeduci l-pretensjoni tieghu permezz ta' att tac-citazzjoni quddiem il-Qorti kompetenti li jkun jirrifletti ezattament il-kawzali tal-istess mandat kawtelatorju". Ara "**Paul Abela et vs Busietta Gardens Madliena Ltd**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000;*

*Affermati l-predetti principji ta' dritt, kif sostanzjati wkoll minn gurisprudenza kopjuza fuq il-materja, in meritu ghall-fattispeci in ezami qed isiru dawn il-konsiderazzjonijiet:-*

*1. L-ewwelnett ma jidherx li jista' qatt ikun disputat illi l-Qorti tal-Magistrati ma kellha qatt takkolji t-talba ghall-hrug tal-Mandat kawtelatorju de quo (Numru 2493/2009) ghaliex l-ammont mitlub in garanzija tal-kreditu kien jeccedi l-kompetenza taghha ratione valoris, u dan, anzi, ma messu qatt intalab mill-kredituri una volta kienu hekk konxji minn din il-qaghda. Huwa veru li tezisti l-anomalija guridizzjonali kostitwita mill-Artikolu 166A (5) ghal kaz fejn jinkiseb titolu ezekuttiv bis-sahha tal-istess artikolu u li jippreciza s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn tlieta u disghin ewro, tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73) izda din hi kwestjoni ohra, in kwantu hu ovvju li ghal dak il-kaz singolari l-legislatur, tajjeb jew hazin, ried jikkonferixxi lill-Qorti tal-Magistrati kompetenza specjali. Ubi lex voluit,*

*dixit. Minn dan pero` l-ebda soljev ma jista' jitqies legittimat ghaf-favur tal-appellanti ghall-fattispeci;*

*(2) Fit-tieni lok, huwa indiskuss ukoll illi l-appellanti ma adoperawx ruhhom mal-formalita` ta' dak ir-rit debitament prefiss mil-ligi fl-Artikolu 843 (1) u 836 (8) (a) ghaliex huma l-azzjoni taghhom ghab-bazi tal-Mandat kawtelatorju Numru 2493/2009 baqghu ma ppresentawhiex. Huwa veru illi fil-31 ta' Awwissu 2009 intavolaw l-kawza Numru 842/09 quddiem il-Prim' Awla u ndikaw ukoll bhala danni s-sorte ta' dak il-mandat imma dan hekk sar presumibilment in kontemplazzjoni ta' dak il-Mandat l-iehor ta' sekwestru kawtelatorju intavolat minnhom quddiem dik il-Qorti, ukoll fid-19 ta' Awwissu 2009, bin-Numru 1384/09;*

*(3) Tqum imbaghad, il-mistqosija illi, jekk l-appellanti kellhom fi hsiebhom, meta pprezentaw dik il-kawza fil-Prim' Awla, il-mandat surreferit 2493/09 mahrug mill-Qorti tal-Magistrati, ghaliex ghaddew ghall-kontromandat tieghu fit-23 ta' Settembru 2009 u immedjatament irrimpjazzawh b'iehor f'somma ekwivalenti quddiem il-Prim' Awla. Evidentement ukoll, ma jistax jisfuggi lill-Qorti illi l-appellanti ghaddew ghar-revoka tal-istess Mandat taghhom ghaliex fil-frattemp kienu rinfaccjati bit-talba tal-appellati ghall-hrug tal-Kontro-Mandat (2740/09) minnhom ipprezentat fil-11 ta' Settembru 2009 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (ara fol. 23). Ukoll dan, fil-hsieb tal-Qorti, jikkostitwixxi cirkostanza li tqieghed serjament fid-dubju l-bwona fede taghhom meta intavolaw dak il-Mandat ta' Sekwestru (2493/09). Mhix zgur accettabbli s-sottomissjoni asserita li, se mai, si tratta minn semplici teknikalita` ta' kompetenza;*

*(4) Fl-ahharnett, ghalkemm hu minnu wkoll f'kazijiet konsimili illi "il potere dato alla Corte di condannare ai danni ed alla penale è facoltativo e non gia` obbligatorio" (ara "***Negte Giovanni Falzon vs Banchiere Giovanni Scicluna***", Appell Kummercjali, 11 ta' Dicembru, 1933), din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha f'dan il-kaz tvarja l-penali inflitta, tant ghaliex ic-cirkustanzi, fil-kumpless taghhom, kienu jissuggerixxu l-adozzjoni mill-Qorti tas-*

*soggezzjoni tal-appellanti ghal din il-penali, tant ghaliex il-kwantum tal-penali stabbilita, fil-previzjoni tal-latitudni skont l-Artikolu 836(8), hu wiehed moderat.*

*Ghal motivi hawn fuq dettaljati din il-Qorti qieghda tirrespingi l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jitbatew mill-appellanti.*

Rat ir-rikors ta’ ritrattazzjoni tal- Perit Raymond Vassallo u ta’ Mariella Vassallo datat 20 ta’ Awwissu 2010 fejn talbu lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnhom mressqa tilqa’ t-talba taghhom sabiex issir ritrattazzoni tal-kawza ghaliex hemm ragunijiet hemm indikati sabiex dan issir skond id-disposizzjoninijiet tal-**artikolu 811 (e) (h) (l) u (i) tal-Kap. 12** u ghalhekk talbu li tigi annulata u rexxissa d-decizjoni ta’ din il-Qortii datata 18 ta’ Gunju 2010 fl-ismijiet premessi u konsegwentment tordna s-smiegh mill-gdid tal-kawza u ritrattazzjoni tal-appell kollox skond ir-rikors taghom premess.

Rat li din it-talba ghar-ritrattazzjoni giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta’ Jannar 2011.

Rat ir-risposta tal-Perit Edward Micallef, Anna Micallef, William Carbonaro, Gabriella Carbonaro, WCO Limited u TPT Limited ghar-rikros ta’ ritrattazjoni datata 13 ta’ Settembru 2010 a fol 12 tal-process fejn sostnew li t-talbiet kollha tar-ritrattandi ghandhom jigu michuda u ghandhom jigu ddikjarati bhala frivoli u vessatorji u ghandha takkorda skond l-**artikolu 223 (4) tal-Kap. 12** l-ispejjez doppji kontra l-istess ritrattandi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-18 ta’ Mejju 2011 fejn meta ssejjhet il-kawza deher Dr. Patrick Galea ghar-rikorrenti prezenti, u Dr. Paul Pullicino u Dr. Jonathan De. Maria ghall-appellati. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza indifett ta’ ostakolu ghall-31 ta’ Jannar 2012; u l-verbal tat-31 ta’ Jannar 2012 fejn il-kawza giet differita ghat-2 ta’ Frar 2012 ghall-istess skop tal-verbal precedenti; u tat-2 Frar 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta’ Frar 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet premessi datata 18 ta' Gunju 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-bazi ta' ritrattaazzjoni mitluba mir-rittratandi hija li (a) saret applikazzjoni hazina tal-ligi skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12** u dan ghaliex fis-sentenza citata gie applikat hazin l-**artikolu 843 (1) tal-Kap. 12** ghaliex fil-fatt saret kawza dwar il-mertu tal-pretensjoni dedotta fil-Mandat ta' Sekwestru Numru 2493/09 permezz tal-kawza numru 842/09 li saret abbazi tal-**artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji,** u ghalhekk minflok sostniet li saret kawza fit-terminu hekk prefiss mill-ligi, qalet li l-azzjoni taghhom a bazi tal-istess mandat baqghu ma pprezentawhiex; (b) is-sentenza tmur kontra decizjoni precedenti mehuda f'sedji ohra dwar l-istess punt u bejn l-istess partijiet skond l-**artikolu 811 (h) tal-Kap. 12** ghaliex *"is-sentenza tkun kontrarja ghal sentenza ohra ta' qabel, deciza bejn il-partijiet, fuq l-istess oggett, u li ghaddiet in gudikat, basta l-eccezzjoni ta' res judicata ma tkunx giet moghtija u deciza"* u cjoe' Mandat Numru 1587/09 akkordat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili datat 31 ta' Settembru 2009 u d-decizjoni li inhadhet sabiex tigi michuda talba tar-ritrattati fejn talbu li jinhareg kontra-mandat 1525/2009 sabiex jigi revokat il-mandat numru 1384/09, liema talba ma giet milqugha; (c) is-sentenza mpunjata tikkontjeni dispozitivi kontradittorji skond kif kontemplat fl-**artikolu 811 (i) tal-Kap. 12** u dan peress li l-Qorti tal-Appell gharfet li kien hemm il-kawza 842/09/JZM li tkopri l-mertu tal-mandat u allura ma setghatx imbaghad tghid li l-kawza fil-mertu dwar id-dritt vantat fil-Mandat ta' Sekwestru Numru 2493/09 ma gietx prezentata fit-terminu tal-**artikolu 843 (1) tal-Kap. 12;** (d) is-sentenza hija rizultat ta' zball li johrog mill-atti u d-dokumenti tal-kawza skond l-**artikolu 811 (l) tal-Kap. 12** u dan ghaliex l-konjugi Micallef ma' gewx sekwestrati fil- Mandat ta'

Sekwestru Numru 2493/09 u l-mandat ghall 20,000 Euro dwar kera pretiza minn Micallef ma setghax jigi ripetut fis-sekwestru 1384/09, u minkejja dan l-Qorti tal-Appell waslet ghall presunzjoni li l-kawza Numru 842/09 saret in vista tal-pretensjoni dedotta quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili permezz tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1384/09 datat 19 ta' Awissu 2009; inghad ukoll li ma kien hemm ebda element ta' mala fede kkonfermat bil-prezentata tal-kontro-mandat mill-istess ritrattandi, u fl-ghar ipotesi jista' jinghad li kien hemm biss zball da parte tar-ritrattandi fit-talba ghall hrug ta' tali mandat min nuqqas ta' komptenza *"rationae valoris".*

Illi mill-atti jirrizulta li gie prezentat mir-ritrattandi kontra r-ritratti kollha Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 2493/09 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ammont ta' 20,000 Euro rappresentanti "arretrati ta' kera dovuta li taghha l-esponenti ghandhom interess derivat u qed tigi ezercitata azzjoni derivattiva" akkordat fl-20 ta' Awissu 2009; dwar dan gie prezentat rikors 2790/09 datat 17 ta' Settembru 2009 mir-ritrattati ghall-hrug ta' kontro-mandat relattiv ghaliex is-sorte pretiz fil-mandat ta' sekwestru kien ghola mill-kompetenza ta' dik il-Qorti u anke ghaliex l-pretensjonijiet kawtelati ma' gewx dedotti b'kawza a tenur tal-**artikolu 843 tal-Kap. 12.** liema rikors gie akkordat fit-8 ta' Ottubru 2009, izda qabel dan kien gja prezentat kontro-mandat numru 2855 datat 23 ta' Settembru 2009 mir-ritrattandi stess. Il-Qorti tal-Prim Istanza, u l-Qorti tal-Appell fuq procedura abbazi tal-artikolu 846 (8) tal-Kap. 12 talbu li peress li ma saritx il-kawza indikata fil-mandat fit-terminu ndikat mela allura r-ritrattandi odjerni kellhom ihallsu l-penali kontemplata fl-**artikolu 836 (8)** lil kull wiehed mir-ritrattati u l-Ewwel Qorti hekk ghamlet b'decizjoni datata 29 ta' Marzu 2010 ikkonfermata minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta' Gunju 2010.

Illi dwar il-mertu tal-procedura odjerna jirrizulta li r-ritrattazzjoni a bazi tal-**artikolu 811 (1) (e) tal-Kap. 12** ma tistax tigi milqugha u dan ghaliex ma hemmx applikazzjoni hazina tal-ligi hemm kontemplata; fil-fatt l-ilment tar-ritrattandi jirrizolvi ruhhu wiehed ta' allegata applikazzjoni hazina tal-artikolu in ezami u certament mhux kaz li kellha

tigi applikata ligi flok ohra u allura l-vantazzjoni kif impostata tmur kontra d-dispositiv stess tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12** u dan ghaliex ma jirrizultax li din taderixxi mal-proviso tal-istess artikolu fis-sens li ma jirrizultax li l-Qorti applikat artikolu tal-ligi flok iehor li kellu jigi proprjament applikat **"Antoinette Vella vs CareMalta Limited"** (A.I.C. (RCP) – 27 ta' Jannar 2011) u **"George Xuereb vs Dorothy Xuereb"** (A.C. – 20 ta' Jannar 2002). F'dan il-kaz jidher car li r-rittrattandi naqsu li jindikaw l-artikolu li gie applikat fis-sentenza impunjata u dak li kellu jigi applikat **("Carmelo Busuttil vs Mary Gauci et"** – A.C – 24 ta' Jannar 1997). Fi kliem iehor sabiex tirnexxi il-bazi ta' ritrattazzjoni fuq dan il-binarju irid jigi ppruvat li l-Qorti applikat il-ligi hazina u mhux il-ligi tajba b'mod hazin, u hawn issir riferenza ghal dak li inghad fis-sentenzi **"Philip Amato Gauci et vs Angelo Agius"** (A.I.C. - 24 ta' Novembru 2003) u fil-kaz **"Joseph Difesa vs L-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u L-Ippjanar"** (A.I.C. - 6 ta' April 2005); u **"F. Advertising Limited vs Francis Gauci"** (A.I.C. (RCP) – 25 ta' Frar 2010). F'dan il-kaz ma jirrizultax li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi minflok ohra li kellha proprjament tigi applikata, izda applikat il-ligi proprja applikabbli ghall-kaz in ezami – il-fatt li jidher li r-ritrattandi ma qablux mal-mod kif l-istess ligi giet applikata u interpretata u dan ma jaqax fil-parametri ta' kawzali ta' ritrattazzjoni taht id-disposizzjoni tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12.** Ghalhekk din il-bazi qed tigi rigettata.

Illi dwar it-tieni bazi ta' ritrattazzjoni fejn jinghad li s-sentenza tmur kontra decizjoni precedenti mehuda f'sedji ohra dwar l-istess punt u bejn l-istess partijiet skond l-**artikolu 811 (h) tal-Kap. 12** ghaliex hemm bazi ta' ritratazzjoni *"jekk is-sentenza tkun kontrarja ghal sentenza ohra ta' qabel, deciza bejn il-partijiet, fuq l-istess oggett, u li ghaddiet in gudikat, basta l-eccezzjoni ta' res judicata ma tkunx giet moghtija u deciza",* jinghad li mill-istess rikors ma jidhirx li giet kwotata xi sentenza bejn l-istess partijiet u fuq l-oggett tal-procedura citata u ghalhekk certament li din il-bazi ta ritrattazzjoni ma ghandha ebda bazi legali.

Illi dwar it-tielet bazi ta' ritrattazzjoni fejn qed jinghad li s-sentenza mpunjata tikkontjeni dispozitivi kontradittorji skond kif kontemplat fl-**artikolu 811 (i) tal-Kap. 12** ghaliex qed jinghad li l-Qorti tal-Appell diversament presjeduta gharfet li allegatament kien hemm il-kawza 842/09/JZM li tkopri l-mertu tal-mandat u allura ma setghatx imbaghad tghid li l-kawza fil-mertu dwar id-dritt vantat fil-Mandat ta' Sekwestru Numru 2493/09 ma gietx prezentata fit-terminu tal-**artikolu 843 (1) tal-Kap. 12,** dan assulutament ma huwiex minnu ghaliex fis-sentenza hawn impunjata inghad car u tond li r-ritrattandi baqghu ma prezentawx l-azzjoni taghhom ghab-bazi tal-Mandat kawtelatorju Numru 2493/2009 (l-ahhar paragrafu ta' pagna 21 tas-sentenza tal-appell) u kien fuq din il-bazi li l-appell gie deciz u allura ma hemm l-ebda disposizzjonijiet kontra xulxin fl-istess sentenza. Din it-tielet bazi ta' ritrattazzjoni qed tigi ghalhekk regettata.

Illi dwar ir-raba' bazi ta' ritrattazzjoni fis-sens li s-sentenza hawn impunjata hija allegatament rizultat ta' zball li johrog mill-atti u d-dokumenti tal-kawza skond l-**artikolu 811 (l) tal-Kap. 12** u dan ghaliex skond ir-ritrattati l-konjugi Micallef ma gewx sekwestrati fil-Mandat ta' Sekwestru Numru 2493/09 u l-mandat ghall €20,000 dwar kera pretiza minn Micallef ma setghax jigi ripetut fis-sekwestru 1384/09, u minkejja dan l-Qorti tal-Appell waslet ghall-presunzjoni li l-kawza Numru 842/09 saret in vista tal-pretensjoni dedotta quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili permezz tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1384/09 datat 19 ta' Awissu 2009; inghad ukoll li ma kien hemm ebda element ta' mala fede kkonfermat bil-prezentata tal-kontro-mandat mill-istess ritrattandi, u fl-ghar ipotesi jista' jinghad li kien hemm biss zball da parte tar-ritrattandi fit-talba ghall hrug ta' tali mandat min nuqqas ta' komptenza *"rationae valoris"* din il-Qorti thoss li tali vantazzjonijiet huma kompletament bla ebda bazi.

Illi dan ghaliex jirrizulta li l-konjugi Micallef kienu sekwestrati fil-mandat *de quo*, u fit-tieni lok d-dritt pretiz fil-mandat uniku hawn taht ezami qatt ma ingab il-quddiem f'kawza ad hoc, u skond l-istess decizjoni ta' din il-Qorti tal-Appell diversament presjeduta u hawn impunjata, l-

procedura li saret mir-ritrattandi quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji** ma kienitx azzjoni li resqet il-quddiem id-dritt sostantiv pretiz fil-mandat oggett ta' dawn il-proceduri. Tant huwa minnu dan li l-istess Qorti tal-Appell irreteniet li r-rittrattandi baqaw ma pprezentawx l-azzjoni taghhom skond dak pretiz minnhom fil-Mandat Kawtelatorju 2493/2009, quddiem l-istess Qorti li quddiema sar il-Mandat (ara para. 2 a fol. 21 tas-sentenza – fol. 143 tal-process. B'hekk anke din il-bazi ta' ritrattazzjoni qed tigi respinta ghaliex hija kompletament bla ebda bazi.

Illi dwar it-talba tar-ritrattati li jigu applikati l-ispejjez doppji ghaliex t-talbiet tar-ritrattandi huma fiergha u vessatorji, din il-Qorti thoss li minkejja li t-talbiet odjerni ma humiex qed jigu milqugha ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, din il-Qorti ma thossx li kif impostat ir-rikors dan huwa fieragh u vessatorju u allura ma huwiex il-kaz li l-providement dwar l-ispejjez doppji ghandu jigi applikat f'dan il-kaz.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tar-ritrattati datata 13 ta' Settembru 2010 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad ir-rikors** tar-ritrattandi datat 20 ta' Awwissu 2010 ghar-ritrattazzjoni u ghas-smigh mill-gdid tal-kawza fl-ismijiet **"Il-Perit Raymond Vassallo et vs Perit Edward Micallef et "** mghotija fit-18 ta' Gunju 2010 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra l-istess ritrattandi l-Perit Raymond Vassallo u Mariella Vassallo.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------